



Kunsill Ewropew

Brussell, 27 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

EUCO 15/24

CO EUR 12
CONCL 4

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (27 ta' Ġunju 2024) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

Il-Kunsill Ewropew kellu skambju ta' fehmiet mal-President tal-Ukrajna dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-appoġġ tal-Unjoni Ewropea għall-Ukrajna u l-poplu tagħha.

*

* *

I. UKRAJNA

1. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fil-konklużjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-appoġġ li jibqa' jingħata għall-indipendenza, is-sovranià u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment u jikkonferma mill-ġdid l-impenn sod tal-Unjoni Ewropea li tibqa' tipprovdi appoġġ politiku, finanzjarju, ekonomiku, umanitarju, militari u diplomatiku lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha sakemm ikun hemm bżonn u bl-intensità meħtieġa. Ir-Russja ma għandhiex tipprevali. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa l-eskalazzjoni reċenti tal-ostilitajiet mir-Russja, b'mod partikolari l-attakki li komplew jintensifikaw kontra l-popolazzjoni ċivili u l-infrastruttura ċivili u dik kritika, b'mod speċjali s-settur tal-enerġija.
2. Hekk kif l-Ukrajna teżerċita d-dritt inerenti tagħha għall-awtodifiża, il-Kunsill Ewropew jappella biex jingħata aktar appoġġ militari lill-Ukrajna. B'mod partikolari, is-sistemi ta' difiża tal-ajru, il-munizzjon u l-missili huma meħtieġa b'mod urġenti biex jipproteġu l-popolazzjoni tal-Ukrajna u l-infrastruttura kritika tal-enerġija.
3. Il-Kunsill Ewropew irrieżamina l-ħidma li saret b'rabta mal-appoġġ militari li qed jingħata lill-Ukrajna, fejn huma meħtieġa aktar sforzi. Huwa jappella lill-Kunsill biex jiffinalizza malajr il-ħidma fuq il-miżuri ta' assistenza tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi li ser jinċentivaw aktar l-għoti ta' appoġġ militari lill-Ukrajna. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-progress fl-inizjattivi mnedija minn diversi Stati Membri rigward munizzjon u missili, inġenji tal-ajru tal-ġlied, difiża tal-ajru u taħriġ, u jappella għat-tisħiħ u l-aċċellerazzjoni ulterjuri tagħhom. Sabiex tgħin aħjar biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet ta' taħriġ tal-militar Ukren, l-Unjoni Ewropea tinsab lesta tkompli żżid il-kapaċità tal-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Ukrajna (EUMAM Ukraine).

4. Wara l-adozzjoni tal-atti legali tal-UE biex id-dħul imprevist li jirriżulta mill-assi immobilizzati tar-Russja jiġi dirett lejn aktar appoġġ militari għall-Ukrajna, il-kapaċità tal-industrija tad-difiża tagħha u r-rikostruzzjoni tagħha, il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess l-ewwel żborż dan is-sajf.

Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kunsill imexxu 'l quddiem il-ħidma, filwaqt li jindirizzaw l-aspetti legali u finanzjarji rilevanti kollha, sabiex jipprovdu finanzjament addizzjonali għall-Ukrajna sa tmiem is-sena fil-forma ta' self isservizzjat u mħallas lura mill-flussi futuri tad-dħul imprevist bil-ħsieb li jintlaḥqu madwar EUR 50 biljun flimkien mas-sħab tal-G7, kif diskuss fis-Summit tal-Pulja, biex jiġu appoġġati l-ħtiġijiet militari, baġitarji u ta' rikostruzzjoni attwali u futuri tal-Ukrajna. Soġġett għad-dritt tal-UE, l-assi tar-Russja għandhom jibqgħu immobilizzati sakemm ir-Russja twaqqaf il-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna u tikkumpensaha għad-dannu kkawżat minn din il-gwerra.

5. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-Impenji konġunti ta' sigurtà konklużi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna kif ukoll aktar ftehimiet bilaterali dwar is-sigurtà konklużi mal-Ukrajna mill-Istati Membri u s-sħab.
6. L-appoġġ militari u l-impenji ta' sigurtà tal-UE ser jiġu pprovduti b'rispett sħiħ għall-politika ta' sigurtà u difiża ta' ċerti Stati Membri u b'kont meħud tal-interessi ta' sigurtà u ta' difiża tal-Istati Membri kollha.
7. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-eżitu tas-Summit dwar il-Paċi fl-Ukrajna li sar fil-15 u s-16 ta' Ġunju 2024 fl-Iżvizzera. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu bl-isforzi tagħhom biex jibnu l-aktar appoġġ internazzjonali wiesa', b'mod speċjali mill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u ekonomiji emerġenti ewlenin għal paċi komprensiva, ġusta u dejjiema bbażata fuq il-prinċipji tal-Karta tan-NU u d-dritt internazzjonali, f'konformità mal-prinċipji u l-oġettivi ewlenin tal-Formula ta' Paċi Ukrena.

8. L-Unjoni Ewropea tibqa' mħassba ħafna dwar id-destin tat-tfal Ukreni kollha u ta' persuni ċivili oħra deportati u trasferiti illegalment lejn ir-Russja u l-Belarussja. Il-Kunsill Ewropew itenni l-appell urġenti tiegħu lir-Russja u l-Belarussja biex jiżguraw immedjatament ir-ritorn sikur tagħhom lejn l-Ukrajna. Jilqa' l-inizjattivi li jgħinu jwasslu lura t-tfal Ukreni f'darhom għand il-familji u l-komunitajiet tagħhom, inkluż il-Koalizzjoni Internazzjonali għar-Ritorn tat-Tfal Ukreni, li l-Unjoni Ewropea issa għandha status ta' osservatur fiha.
9. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-eżitu tal-Konferenza dwar l-Irkupru tal-Ukrajna li saret fil-11 u t-12 ta' Ġunju 2024 f'Berlin. Fid-dawl tas-sitwazzjoni umanitarja li qed tiddeterjora, b'mod partikolari fir-reġjuni fuq il-front tal-Ukrajna, hija ħtieġa imperattiva li tkompli tingħata assistenza umanitarja u tal-protezzjoni ċivili u li jiġi żgurat aċċess umanitarju. L-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata li tappoġġa, f'koordinazzjoni mas-sħab internazzjonali, it-tiswija, l-irkupru u r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna, inkluż l-assistenza għat-tneħħija tal-mini. F'dak il-kuntest, wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kunsill tal-Pjan għall-Ukrajna, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-iżborż rapidu ta' ammont massimu ta' EUR 1.89 biljun fi prefinanzjament biex jgħin lill-Ukrajna fl-irkupru u r-rikostruzzjoni tagħha, li huwa partikolarment urġenti fis-settur tal-enerġija.
10. Il-Kunsill Ewropew jappella biex jiżdied b'mod urġenti l-appoġġ għas-settur tal-enerġija tal-Ukrajna mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri, f'koordinazzjoni mas-sħab. Jistieden lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kunsill jaċċelleraw it-tħejjijiet biex jappoġġaw lill-Ukrajna matul ix-xitwa.
11. Il-Kunsill Ewropew jilqa' t-tiġdid reċenti tal-mandat tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-UE fl-Ukrajna (EUAM). Dan ser jippermetti lill-missjoni żżid l-isforzi tagħha fit-territorji liberati u adjaċenti tal-Ukrajna b'appoġġ għall-istabbiliment mill-ġdid tal-istat tad-dritt u r-ritorn tas-servizzi tal-istat f'dawn iż-żoni.

12. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-adozzjoni tal-14-il pakkett ta' sanzjonijiet kontra r-Russja u l-ftehim dwar aktar miżuri restrittivi kontra l-Belarussja. Huwa jappella għall-infurzar sħiħ u effettiv tas-sanzjonijiet kif ukoll għal aktar miżuri biex tiġi miġġielda ċ-ċirkomvenzjoni tagħhom, inkluż permezz ta' pajjiżi terzi. L-Unjoni Ewropea tibqa' lesta li tkompli tillimita l-kapaċità tar-Russja li tiġġieled gwerra u tħeġġeġ lill-pajjiżi kollha biex ma jipprovdu l-ebda materjal jew appoġġ ieħor għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja.
13. L-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata li tara li r-Russja u t-tmexxija tagħha jinżammu kompletament responsabbli għall-gwerra ta' aggressjoni li qed twettaq kontra l-Ukrajna u għal delitti oħra mill-aktar serji skont id-dritt internazzjonali, kif ukoll għad-dannu massiv ikkawżat mill-gwerra tagħha. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-progress u jħeġġeġ aktar sforzi fuq il-linji ta' ħidma kollha.
14. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-adozzjoni tal-qafas ta' negozjar u l-organizzazzjoni tal-ewwel Konferenza Intergovernattiva dwar l-adeżjoni tal-Ukrajna. L-Unjoni Ewropea ser tkompli taħdem mill-qrib mal-Ukrajna u tappoġġa l-isforzi ta' riforma tagħha fil-mixja Ewropea tagħha.

II. LVANT NOFSANI

15. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-aħħar żviluppi fil-Lvant Nofsani.
16. Il-Kunsill Ewropew itenni l-kundanna l-aktar qawwija tiegħu għall-attakki terroristiċi brutali mwettqa mill-Hamas u minn gruppi terroristiċi oħra kontra Iżrael fis-7 ta' Ottubru 2023. Huwa jesprimi s-solidarjetà sħiħa u l-appoġġ sħiħ tiegħu lil Iżrael u lill-poplu tiegħu u jafferma mill-ġdid l-impenn sħiħ tiegħu għas-sigurtà tiegħu u l-istabbiltà reġjonali. Fl-eżerċizzju tad-dritt tiegħu li jiddefendi lilu nnifsu, Iżrael irid jikkonforma bis-sħiħ mal-obbligi tiegħu skont id-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt umanitarju internazzjonali, fiċ-ċirkostanzi kollha.

Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza tar-rispett u l-implimentazzjoni tal-ordnijiet tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja (QIĠ), li huma legalment vinkolanti.

17. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-adozzjoni tar-Risoluzzjoni 2735 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Il-Kunsill Ewropew jappella għall-implimentazzjoni sħiħa tat-termini tal-proposta għal waqfien mill-ġlied mingħajr dewmien u mingħajr kundizzjonijiet, li jwasslu għal waqfien mill-ġlied immedjat f'Gaza, il-ħelsien tal-ostaġġi kollha, żieda sinifikanti u sostnuta fil-fluss ta' assistenza umanitarja f'Gaza kollha, u waqfien mill-ġlied u tmiem tal-kriżi li jkunu dejjiema, filwaqt li jiġu assigurati l-interessi ta' sigurtà ta' Iżrael u s-sikurezza għall-popolazzjoni ċivili Palestinjana.
18. Filwaqt li jfakkar fil-ħtieġa li jiġi implimentat l-Ordni tal-QIĠ tal-24 ta' Mejju 2024, il-Kunsill Ewropew jesprimi tħassib serju dwar il-konsegwenzi fuq il-popolazzjoni ċivili tal-operazzjonijiet fuq l-art li għaddejjin f'Rafah.
19. Il-Kunsill Ewropew jiddeplora kull telf ta' ħajja tal-popolazzjoni ċivili. Huwa jinnota bi tħassib kbir l-għadd inaċċettabbli ta' vittmi ċivili, speċjalment tfal, kif ukoll il-livelli katastrofiċi ta' ġuħ u r-riskju imminenti ta' karestija kkawżati mid-dħul insuffiċjenti ta' għajjnuna f'Gaza. Jappella lill-partijiet kollha jieħdu kull pass possibbli biex jiproteġu l-ħajjiet tal-popolazzjoni ċivili. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-urġenza ta' aċċess sħiħ, rapidu, sikur u mingħajr xkiel għall-għajjnuna umanitarja fuq skala kbira biżżejjed għall-Palestinjani fil-bżonn, u li l-ħaddiema umanitarji u l-organizzazzjonijiet internazzjonali jitħallew joperaw b'mod effettiv u jiġi ffaċilitat l-operat tagħhom ġewwa Gaza. F'dan il-kuntest, huwa jenfasizza li s-servizzi li tipprovdli l-UNRWA f'Gaza u fir-reġjun kollu huma essenzjali u jikkundanna kwalunkwe tentattiv biex aġenzija tan-NU tiġi ttikkettata bħala organizzazzjoni terroristika. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-pjan ta' azzjoni ppreżentat mill-UNRWA. L-implimentazzjoni tiegħu ser tiġi sorveljata mill-qrib. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-isforzi sostnuti mill-Ġordan u l-Eġittu biex inaqqsu t-tensjoni tal-kriżi, inkluż il-konferenza umanitarja li saret fil-Ġordan fil-11 ta' Ġunju 2024.

20. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna l-attakki reċenti li għamlu ħsara lill-bini tal-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar (KISA) f'Gaża. Huwa jappella biex il-partijiet kollha jieħdu l-prekawzjonijiet fattibbli kollha biex jevitaw ħsara lill-popolazzjoni ċivili, lill-ħaddiema umanitarji u lill-faċilitajiet, kif ukoll biex jagħtu aċċess lill-KISA għall-postijiet ta' detenzjoni, f'konformità mal-obbligi tagħhom skont id-dritt umanitarju internazzjonali.
21. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa l-vjolenza li qed titwettag mill-abitanti estremisti tal-insedjamenti fix-Xatt tal-Punent, inkluż Ġerusalem tal-Lvant. Huwa jistieden lill-Kunsill imexxi 'l quddiem il-ħidma fuq aktar miżuri restrittivi kontra l-abitanti estremisti tal-insedjamenti. Il-Kunsill Ewropew jappella wkoll għal aċċess sikur għas-siti sagri u li jiġi rispettat l-Istatus Quo. Iridu jiġu ppreservati u rrispettati minn kulħadd l-istatus u l-karattru speċjali ta' Ġerusalem u l-Belt l-Antika tagħha, l-involabbiltà tal-ispazji sagri tagħha, u l-abbiltà li l-komunitajiet kollha tagħha jgħixu hemmhekk. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna d-deċiżjonijiet tal-Gvern Iżraeljan li jkompli jespandi l-insedjamenti illegali fix-Xatt tal-Punent okkupat kollu u jħeġġeġ lil Iżrael biex jerġa' lura minn dawn id-deċiżjonijiet.
22. Il-Kunsill Ewropew jesprimi t-tħassib tiegħu dwar iż-żieda tat-tensjonijiet fir-reġjun, b'mod partikolari tul il-Linja Blu, u l-qerda dejjem akbar u l-ispostament furzat ta' ċivili fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera Izraelo-Libaniża. F'konformità mar-Risoluzzjoni 1701 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ lill-atturi kollha jeżerċitaw rażan, jipprevjenu eskalazzjoni ulterjuri u jinvolvu ruħhom fi sforzi diplomatiċi internazzjonali. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli kwalunkwe theddid dirett kontra l-Istati Membri tal-UE, li jikkontribwixxi wkoll għall-eskalazzjoni, u jafferma mill-ġdid is-solidarjetà soda tiegħu mal-Istati Membri. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli jmexxu 'l quddiem il-ħidma għat-tisħiħ tal-appoġġ tal-UE għal-Libanu, inkluż il-Forzi Armati tal-Libanu u l-Forza Interim tan-NU fil-Libanu (UNIFIL).

23. L-Unjoni Ewropea ttenni l-impenn sod tagħha għal paċi dejjiema u sostenibbli f'konformità mar-risoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, abbażi tas-soluzzjoni ta' żewġ stati, bl-Istat ta' Iżrael u Stat tal-Palestina indipendenti, demokratiku, kontigwu, sovrani u vijabbli, jgħixu ħdejn xulxin fil-paċi, is-sigurtà u r-rikonoxximent reċiproku. L-Unjoni Ewropea ser tkompli taħdem mas-sħab internazzjonali biex terġa' tqajjem proċess politiku għal dan l-għan. Il-Kunsill Ewropew jinnota li perkors kredibbli għall-istatus ta' stat Palestinjan huwa komponent kruċjali ta' dak il-proċess politiku. L-Unjoni Ewropea ser tikkontribwixxi b'mod attiv għal sforz internazzjonali koordinat għall-bini mill-ġdid ta' Gaza. Hija ser tappoġġa wkoll lill-Awtorità Palestinjana hekk kif twettaq ir-riformi meħtieġa u tibni l-kapaċitajiet istituzzjonali. Il-Kunsill Ewropew jisħaq li jridu jieqfu l-azzjonijiet li jdgħajfu l-Awtorità Palestinjana u jappella lil Iżrael biex jirrilaxxa d-dħul minn dazji u imposti miżmum u jieħu l-miżuri neċessarji biex jiżgura li jibqgħu fis-seħħ is-servizzi ta' korrispondenza bankarja bejn il-banek Iżraeljani u dawk Palestinjani.

III. SIGURTÀ U DIFIŻA

24. Filwaqt li fakkar fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Marzu 2024, u b'mod partikolari l-ħtieġa li l-Ewropa tnaqqas id-dipendenzi strateġiċi tagħha, iżżid l-istat ta' tħejjija u l-kapaċitajiet ġenerali tagħha fir-rigward tad-difiża u li tkompli ssaħħaħ il-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża tagħha kif xieraq, il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-ħtiġijiet tad-difiża urġenti, immedjati u fuq perjodu medju u l-inizjattivi Ewropej tad-difiża. Huwa kellu wkoll l-ewwel diskussjoni dwar l-għażliet għall-mobilizzazzjoni tal-finanzjament għad-difiża Ewropea.
25. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill, lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Rappreżentant Għoli jmexxu 'l quddiem il-ħidma fuq l-oqsma kollha, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom, b'mod partikolari dwar:
- lakuni fil-kapaċità kritika abbażi tal-Pjan tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet;
 - l-Istrateġija għall-Industrija tad-Difiża Ewropea (EDIS); u
 - il-proposta għal Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea (EDIP), bil-ħsieb tal-adozzjoni tagħha sa nofs l-2025.

26. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli jippreżentaw għażliet żviluppati, li għandhom jiġu diskussi mill-Kunsill, għall-finanzjament pubbliku u privat biex tissaħħaħ il-bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża u jiġu indirizzati l-lakuni fil-kapaċità kritika.
27. Barra minn hekk, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni għas-Sigurtà u d-Difiża adottat mill-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment u jappella għall-implimentazzjoni rapida tiegħu. Huwa jappella biex il-Bank Ewropew tal-Investment jivvaluta u jkompli jadatta, kif ikun xieraq, il-politika tiegħu għas-self lill-industrija tad-difiża, filwaqt li jissalvagwarda l-kapaċità ta' finanzjament tiegħu.
28. Dan kollu huwa mingħajr preġudizzju għan-natura speċifika tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża ta' ċerti Stati Membri, u jqis l-interessi ta' sigurtà u ta' difiża tal-Istati Membri kollha, u f'konformità mat-Trattati.

IV. KOMPETITTIVITÀ

29. Wara l-konklużjonijiet tiegħu ta' April 2024 u r-rappurtar tal-Presidenza dwar il-ħidma għal patt ġdid dwar il-kompetittività Ewropea, il-Kunsill Ewropew irrieżamina l-progress fuq inizjattivi biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-Unjoni, tiġi żgurata r-reżiljenza ekonomika tagħha u jinkiseb il-potenzjal sħiħ tas-Suq Uniku.
30. B'mod partikolari, fir-rigward tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali, il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jaċċelleraw il-ħidma fuq il-miżuri identifikati kollha, inkluż proposti pendenti, neċessarji għall-ħolqien ta' swieq tassew integrati li jkunu aċċessibbli għaċ-ċittadini u n-negozji kollha madwar l-Unjoni u li jkunu ta' benefiċċju għall-Istati Membri kollha. Huwa jtenni s-sens ta' urġenza għall-Unjoni tas-Swieq Kapitali u l-importanza tagħha fil-mobilizzazzjoni tal-ammont sostanzjali ta' investment privat meħtieġ biex jiġu indirizzati l-isfidi li ġejjin.
31. Il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess progress rapidu u deċiżiv fil-linji kollha tal-patt il-ġdid dwar il-kompetittività Ewropea sa tmiem is-sena u ser jibqa' jikkunsidra l-kwistjoni.

V. PUNTI OĦRA

Migrazzjoni

32. Il-Kunsill Ewropew kellu diskussjoni strateġika dwar il-migrazzjoni u ħa nota tal-ittra reċenti mill-President tal-Kummissjoni.

Il-Baħar l-Iswed

33. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-importanza tas-sigurtà u l-istabbiltà fil-Baħar l-Iswed u jistieden lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli jħejju Komunikazzjoni Konġunta dwar il-bini ta' approċċ strateġiku tal-UE għall-Baħar l-Iswed.

Repubblika tal-Moldova

34. L-Unjoni Ewropea ser tkompli ttipprovdi l-appoġġ rilevanti kollu lir-Repubblika tal-Moldova biex tindirizza l-isfidi li qed tiffaċċa bħala konsegwenza tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, u biex issaħħaħ ir-reżiljenza, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-pajjiż fil-konfront tal-attivitajiet destabbilizzanti mir-Russja, mhux l-inqas fil-kuntest tal-elezzjonijiet u r-referendum tal-ħarifa li ġejja. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-impenji bilaterali ta' Stati Membri biex jappoġġaw il-Missjoni ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea (EUPM Moldova) sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-settur tas-sigurtà.
35. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-adozzjoni tal-qafas ta' negozjar u l-organizzazzjoni tal-ewwel Konferenza Intergovernattiva dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Moldova. L-Unjoni Ewropea ser tkompli taħdem mill-qrib mar-Repubblika tal-Moldova u tappoġġa l-isforzi ta' riforma tagħha fil-mixja Ewropea tagħha.

Georgia

36. Il-Kunsill Ewropew jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar l-iżviluppi reċenti fil-Georgia. B'mod partikolari, il-liġi adottata dwar it-trasparenza tal-influwenza barranija tirrappreżenta rigress fuq il-passi stabbiliti fir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għall-istatus ta' kandidat. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-awtoritajiet tal-Georgia biex jiċċaraw l-intenzjonijiet tagħhom billi jreġġgħu lura l-linja ta' azzjoni attwali li tikkomprometti l-mixja tal-Georgia lejn l-UE, li de facto twassal għal waqfien tal-proċess ta' adeżjoni.
37. Il-Kunsill Ewropew jappella biex jintemmu l-atti ta' intimidazzjoni, it-theddid u l-attakki fiżiċi li qed jiżdiedu kontra rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, mexxejja politiċi, attivisti ċivili u ġurnalisti fil-Georgia. Huwa jfakkar li r-rispett għall-valuri u l-prinċipji li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea huwa essenzjali għal kwalunkwe pajjiż li jaspira li jsir membru.
38. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-awtoritajiet tal-Georgia biex jiżguraw li l-elezzjonijiet parlamentari ta' din il-ħarifa jkunu liberi u ġusti u jinkoraġġixxi osservazzjoni elettoral estensiva mis-sħab fuq perjodu twil u fuq perjodu qasir. Huwa ser ikompli jissorvelja s-sitwazzjoni mill-qrib.
39. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-appoġġ sod tiegħu għall-integrità territorjali tal-Georgia. Huwa jtenni s-solidarjetà soda tagħha mal-poplu Georgjan u r-rieda tagħha li tkompli tappoġġa lill-Georgjani fil-mixja tagħhom lejn futur Ewropew.

Theddid ibridu

40. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa t-tipi kollha ta' attivitajiet ibridi, li qed jiżdiedu u li għandhom fil-mira l-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri u s-sħab tagħha, inkluż l-intimidazzjoni, is-sabotaġġ, is-sovverżjoni, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin, id-diżinformazzjoni, l-attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi u l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti li ssir minn pajjiżi terzi. Ir-Russja intensifikat il-kampanja tagħha b'operazzjonijiet attivi ġodda fit-territorju Ewropew. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ser iwieġbu għal dawn l-azzjonijiet b'mod unit u determinat.

41. B'reazzjoni għall-azzjonijiet destabbilizzanti tar-Russja barra mill-pajjiż, il-Kunsill Ewropew itenni l-appell tiegħu biex tavvanza l-ħidma fil-Kunsill biex jiġi stabbilit reġim ġdid ta' sanzjonijiet. L-Unjoni Ewropea ser tkompli wkoll taħdem mill-qrib mas-sħab biex tidentifika u tiġġieled kontra attivitajiet ibridi minn pajjiżi terzi, inkluż narrattivi foloz u diżinformazzjoni.

Ġlieda kontra l-antisemitiżmu, ir-razziżmu u l-ksenofobija

42. Il-Kunsill Ewropew itenni l-kundanna tiegħu bl-aktar mod qawwi possibbli tal-forom kollha ta' antisemitiżmu, mibegħda, intolleranza, razziżmu u ksenofobija, inkluż il-mibegħda anti-Musulmana.

VI. IĊ-ĊIKLU ISTITUZZJONALI LI JMISS

Ħatriet

43. Il-Kunsill Ewropew eleġġa lil António Costa bħala President tal-Kunsill Ewropew għall-perjodu mill-1 ta' Diċembru 2024 sal-31 ta' Mejju 2027. Huwa talab lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill biex jassisti lill-President elett tal-Kunsill Ewropew matul il-perjodu ta' tranżizzjoni.
44. Il-Kunsill Ewropew laqa' d-deċiżjoni tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Partijiet Kontraenti għat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja li l-munita tagħhom hija l-euro li taħtar lil António Costa bħala President tas-Summit taż-Żona tal-Euro għall-perjodu mill-1 ta' Diċembru 2024 sal-31 ta' Mejju 2027.
45. Il-Kunsill Ewropew adotta d-deċiżjoni li tipproponi lil Ursula von der Leyen lill-Parlament Ewropew bħala kandidata għal President tal-Kummissjoni Ewropea.
46. Il-Kunsill Ewropew iqis li Kaja Kallas hija l-kandidata adatta għal Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, soġġett għall-qbil tal-President elett tal-Kummissjoni.

Aġenda Strateġika

47. Il-Kunsill Ewropew adotta l-Aġenda Strateġika għall-Unjoni għall-2024-2029 kif tinsab fl-anness.

VII. PJAN DIREZZJONALI GĦAL ĦIDMA FUTURA FUQ RIFORMI INTERNI

48. Sabiex l-UE ssir aktar b'saħħitha u tissaħħaħ is-sovranità Ewropea, il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-ħtieġa li jiġu stabbiliti l-bażi u r-riformi interni meħtieġa biex jiġu sodisfatti l-ambizzjonijiet fit-tul tal-Unjoni u jiġu indirizzati kwistjonijiet ewlenin relatati mal-prijoritajiet u l-politiki tagħha kif ukoll il-kapaċità tagħha li taġixxi fid-dawl ta' realtà ġeopolitika ġdida u sfidi dejjem aktar kumplessi.
49. Din il-ħidma għandha tavvanza b'mod parallel mal-proċess ta' tkabbir, peress li kemm l-Unjoni kif ukoll l-Istati Membri futuri jridu jkunu lesti fiż-żmien tal-adeżjoni.
50. Għal dak l-għan, il-Kunsill Ewropew jistabbilixxi l-pjan direzzjonali li ġej għal ħidma futura:
- a) Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-riformi u r-rieżamijiet tal-politika ta' qabel it-tkabbir u jistedinha tippreżenta sar-rebbiegħa tal-2025 rieżamijiet tal-politika fil-fond li jkun fihom elementi operazzjonali dwar l-erba' linji li ġejjin:
 - i) il-valuri, inkluż l-għodod u l-proċessi għall-protezzjoni tal-istat tad-dritt;
 - ii) il-politiki, biex jiġu żgurati fost l-oħrajn il-kompetittività, il-prosperità u t-tmexxija fit-tul tal-UE fiż-xena dinjija u biex tissaħħaħ is-sovranità strateġika tagħha;
 - iii) il-baġit, inkluż fil-kuntest tan-negozjati li jmiss dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li għalih il-proposta ser tiġi ppreżentata sal-1 ta' Lulju 2025; u
 - iv) il-governanza.
 - b) Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tar-rapport ta' progress tal-Presidenza dwar il-futur tal-Ewropa. Huwa jappella lill-Kunsill biex imexxi l-ħidma 'l quddiem u jippreżenta rapport ta' segwitu sa Ġunju 2025, li jirrifletti fuq dawn l-erba' linji.
51. Il-Kunsill Ewropew ser jirrieżamina l-progress f'Ġunju 2025 u jagħti aktar gwida kif meħtieġ.

Aġenda Strateġika 2024-2029

L-Unjoni Ewropea twaqqfet fuq il-ħtieġa imperattiva li tiġi żgurata l-paċi fl-Ewropa, ibbażata fuq is-sisien tal-kooperazzjoni, is-solidarjetà u l-prosperità ekonomika komuni. Din il-wegħda oriġinali għadha tiggwidana u sservi bħala l-bażi għall-prijoritajiet tagħna għal Ewropa b'saħħitha u sovrana.

Ix-xenarju politiku dinji qed jissawwar mill-ġdid minn kompetizzjoni strateġika, instabbiltà dinjija dejjem akbar, u tentattivi biex jiġi mminat l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli. Ir-Russja reġgħet ġabet il-gwerra fil-kontinent tagħna. Fil-viċinat tagħna, is-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani hija drammatika. L-ambjent naturali tagħna qed jiffaċċa ħsara u tfixkil dejjem akbar minħabba t-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità u t-tniġġis. L-iżvilupp rapidu ta' teknoloġiji ġodda jġib miegħu opportunitajiet u riskji potenzjali.

Dawn l-isfidi bla preċedent wassluna biex niftħu orizzonti ġodda fil-kooperazzjoni u l-integrazzjoni tagħna f'dawn l-aħħar ħames snin. Flimkien, stabbilejna għanijiet ewlenin biex niġġieldu t-tibdil fil-klima u attwajna qafas ambizzjuż għat-tranżizzjoni diġitali. Flimkien, żviluppajna u qassamna vaċċini madwar l-Ewropa u lil hinn minnha u waqqafna fond għall-irkupru sostanzjali b'reazzjoni għal pandemija li affettwat lis-soċjetajiet tagħna b'modi imprevedibbli. Flimkien, ħarisna lill-ekonomiji tagħna matul il-kriżi tal-enerġija. U flimkien, qed nipprovdu appoġġ militari u ekonomiku sinifikanti lill-Ukrajna biex tiddefendi lilha nnifisha kontra l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja u tipproteġi s-sigurtà Ewropea. Iżda mhux ser nieqfu hawn. Ser niksbu dak li stennew minna l-fundaturi tal-Unjoni u niżguraw li l-kreattività tat-tweġibiet tagħna tkun xierqa għad-daqs tal-isfidi li għandna quddiemna.

Ser nikkombinaw il-ħiliet u r-riżorsi tagħna biex, bħala l-Unjoni u l-Istati Membri, niffaċċjaw is-snin li ġejjin f'għaqda u b'determinazzjoni. Ser nindirizzaw l-aspirazzjonijiet taċ-ċittadini tagħna. Ser insaħħu l-kompetittività tagħna u nsiru l-ewwel kontinent b'impatt newtrali fuq il-klima, u nsarrfu t-tranżizzjoni klimatika u dik diġitali f'suċċess, mingħajr ma ħadd jitħalla jibqa' lura. Ser nindirizzaw l-isfidi tal-migrazzjoni. Ser nieħdu r-responsabbiltà meħtieġa għas-sigurtà u d-difiża tagħna u nsaħħu l-kapaċità tagħna li naġixxu biex niddefendu l-interessi tagħna u nsiru aktar influwenti fid-dinja. Ser nieħdu rwol ta' tmexxija fl-indirizzar tal-isfidi dinjin, fil-promozzjoni tad-dritt u l-istituzzjonijiet internazzjonali, il-governanza dinjija ġusta, il-multilateraliżmu inklużiv u t-tkabbir u l-iżvilupp sostenibbli.

Ekonomiji tas-suq soċjali b'saħħithom u kompetittivi ser ikunu l-mutur biex jintlaħqu l-ambizzjonijiet tagħna. Fid-dinja iperkompetittiva tal-lum, jeħtieġ li nilliberaw l-ispiritu Ewropew ta' intraprenditorija. L-Ewropa hija kontinent ta' nies ħawtiela, ħabrieka u innovaturi. Il-fiduċja fil-kumpaniji tagħna biex jibdlu r-riskji f'opportunitajiet ser tixpruna l-investment, tagħti spinta lit-tkabbir ekonomiku u tagħmel lill-Ewropa mexxejja dinjija fl-industriji u t-teknoloġiji ekoloġiċi u diġitali.

Il-valuri tagħna u l-istat tad-dritt huma l-boxxla tagħna, kemm internament kif ukoll esternament. Huma l-pedament għal Unjoni aktar b'saħħitha, aktar għanja u aktar demokratika għaċ-ċittadini tagħna.

Il-Kunsill Ewropew jaqbel mal-prijoritajiet li ġejjin u jistieden lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jimplimentawhom matul iċ-ċiklu istituzzjonali li jmiss, filwaqt li jirrispettaw il-bilanċ istituzzjonali tas-setgħat kif stipulat fir-Trattati u l-prinċipji tal-għoti tal-kompetenzi, tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss għall-Unjoni ser ikollu jirrifletti dawn il-prijoritajiet, filwaqt li jiżgura li l-baġit tal-UE jkun adattat għall-futur u li jingħataw tweġibiet Ewropej għall-isfidi Ewropej. F'dan ir-rigward, ser naħdmu lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda.

Ewropa ħielsa u demokratika

Ir-rispett tal-valuri Ewropej fl-Unjoni

Il-valuri tagħna huma s-saħħa tagħna. Ser inħarsu u nippromwovu l-valuri fundaturi tagħna – ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi – li jibqgħu l-ġebla tax-xewka tal-Unjoni tagħna.

Ser nippromwovu u nissalvagwardaw ir-rispett għall-istat tad-dritt, li huwa l-bażi tal-kooperazzjoni Ewropea, filwaqt li niddefendu l-prinċipji tal-oġġettività, in-nondiskriminazzjoni u t-trattament ugwali tal-Istati Membri. Ser insaħħu r-reżiljenza demokratika tagħna, inkluż billi napprofondixxu l-involviment taċ-ċittadini, niproteġu media u soċjetà ċivili ħielsa u pluralistiċi, nindirizzaw l-indhila barrani u niġġieldu t-tentattivi ta' destabilizzazzjoni, inkluż permezz tad-diżinformazzjoni u d-diskors ta' mibegħda. Ser insaħħu d-diskors demokratiku u niżguraw li l-ġganti tat-teknoloġija jerfegħu r-responsabbiltà tagħhom għas-salvagwardja tad-djalogu demokratiku online. Ser nippromwovu d-diversità u l-wirt kulturali tagħna.

Niddefendu l-valuri tagħna fil-livell dinji

L-Unjoni Ewropea għandha tkompli tkun l-aktar sostenitur b'saħħtu tal-ordni legali internazzjonali, filwaqt li tirrispetta b'mod kostanti n-Nazzjonijiet Uniti u l-prinċipji minquxa fil-Karta tan-NU. B'mod partikolari, l-Unjoni Ewropea ser tkompli bl-isforzi biex tippromwovi l-paċi, il-ġustizzja u l-istabbiltà dinjija, kif ukoll id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem universali u l-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fil-fora internazzjonali kollha. Ser nistinkaw biex niksbu sistema multilaterali riformata, waqt li nagħmluha aktar inklużiva u aktar effettiva.

Ewropa b'saħħitha u sigura

Niżguraw azzjoni esterna koerenti u influwenti

Id-dinja ta' madwarna saret aktar konfrontazzjonali, tranżazzjonali u inċerta. Ser nadattaw għaċ-ċirkostanzi li dejjem jevolvu, filwaqt li nasserixxu l-ambizzjoni u r-rwol tal-Unjoni Ewropea bħala attur dinji strateġiku fil-kuntest ġeopolitiku multipolari l-ġdid.

L-invażjoni fuq skala sħiħa tal-Ukrajna hija wkoll attakk fuq Ewropa ħielsa u demokratika. L-Unjoni Ewropea ser tappoġġa lill-Ukrajna hekk kif qed tiġġieled biex iżżomm l-indipendenza u s-sovranità tagħha u terġa' tikseb l-integrità territorjali tagħha fi ħdan il-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment. Ser nappoġġaw ukoll ir-rikostruzzjoni tagħha u l-kisba ta' paċi ġusta. Ser nintensifikaw il-ħidma tagħna biex nippromwovu s-sigurtà, l-istabbiltà, il-paċi u l-prosperità fil-viċinat tagħna u lil hinn minnu.

Ser ninvolvu ruħna mill-qrib mas-sħab u niżviluppaw sħubijiet strateġiċi ta' benefiċċju reċiproku biex nindirizzaw sfidi kondiviżi. Ser nisfruttaw kemm il-politiki interni kif ukoll dawk esterni tal-UE fl-aħjar interessi tal-Unjoni b'mod ikkoordinat tajjeb.

Insaħħu s-sigurtà u d-difiża tagħna u niproteġu liċ-ċittadini tagħna

L-Ewropa trid tkun post fejn in-nies ikunu u jħossuhom liberi u sikuri. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri ħadu passi kuraġġużi biex isaħħu t-tħejjija u l-kapaċità ta' difiża tal-Unjoni, inkluż żieda fl-infiq għad-difiża. Fil-ġejjieni, flimkien ser ninvestu sostanzjalment aktar u aħjar, innaqqsu d-dipendenzi strateġiċi tagħna, intejbu l-kapaċitajiet tagħna u nsaħħu l-bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża Ewropea kif meħtieġ.

Iż-żieda fis-sigurtà tagħna teħtieġ bażi ekonomika soda. Ser nimmobilizzaw l-istrumenti meħtieġa biex insaħħu s-sigurtà tagħna u l-protezzjoni taċ-ċittadini tagħna, u biex nirreaġixxu għal theddid emerġenti ġdid. Ser insaħħu l-interoperabbiltà bejn il-forzi armati Ewropej. Ser intejbu b'mod urġenti l-kundizzjonijiet biex intejbu l-industrija Ewropea tad-difiża billi noħolqu suq tad-difiża Ewropew integrat aħjar u billi nippromwovu l-akkwist konġunt. Aħna nilqgħu proġetti ewlenin u inizjattivi tad-difiża mill-Istati Membri. Ser intejbu l-aċċess għall-finanzi pubbliċi u privati, filwaqt li nesploraw l-għażliet kollha, inkluż permezz tar-rwol imsaħħaħ tal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment bħala katalizzatur.

Unjoni Ewropea aktar b'saħħitha u aktar kapaċi fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża ser tikkontribwixxi b'mod pożittiv għas-sigurtà globali u tranżatlantika u hija komplementari man-NATO, li tibqa', għal dawk l-Istati li huma membri tagħha, il-pedament tad-difiża kollettiva tagħhom. Ser nikkooperaw mas-sħab trans-Atlantiċi u man-NATO, b'rispett sħiħ għall-prinċipji stipulati fit-Trattati u mill-Kunsill Ewropew, mingħajr preġudizzju għall-karattru speċifiku tal-politika ta' sigurtà u difiża ta' ċerti Stati Membri u b'kont meħud tal-interessi tas-sigurtà u d-difiża tal-Istati Membri kollha.

Biex insaħħu s-sigurtà fi ħdan l-Unjoni, ser niġġieldu l-kriminalità offline u online u nipprevjenu u nindirizzaw il-korruzzjoni, bl-użu tal-għodod kollha tal-infurzar tal-liġi u tal-kooperazzjoni gudiżzarja tal-Unjoni tagħna. Ser inkunu determinati kontra l-kriminalità organizzata u nxekklu l-fluss ta' profitti illeċiti minn attività kriminali transfruntiera. Ser niġġieldu t-tentattivi biex jinżerġu d-diviżjoni, ir-radikalizzazzjoni, it-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti.

L-Unjoni Ewropea ser issaħħaħ ir-reżiljenza, it-tħejjija, il-kapaċitajiet ta' prevenzjoni ta' kriżijiet u l-kapaċitajiet ta' rispons tagħha, b'approċċ li jkopri l-perikli kollha u s-soċjetà kollha, biex tipproteġi liċ-ċittadini u lis-soċjetajiet tagħna kontra kriżijiet differenti, inkluż diżastri naturali u emerġenzi tas-saħħa. Ser inżidu r-rispons kollettiv tagħna għall-gwerra ċibernetika u ibrida, il-manipulazzjoni u l-interferenza minn barranin u t-theddid għall-infrastruttura kritika tagħna. Ser nagħtu attenzjoni partikolari lit-tisħiħ tar-reżiljenza tas-soċjetà.

Inħejju għal Unjoni akbar u aktar b'saħħitha

Ir-realtà ġeopolitika l-ġdida tenfasizza l-importanza tat-tkabbir bħala investiment ġeostrateġiku fil-paċi, is-sigurtà, l-istabbiltà u l-prosperità. Hemm dinamiżmu ġdid fil-proċess tat-tkabbir. Kemm l-UE kif ukoll il-membri aspiranti issa għandhom ir-responsabbiltà li jagħmlu l-aħjar użu minn din l-opportunità u jikkomunikaw dan b'mod ċar.

L-Unjoni Ewropea ser issegwi approċċ għall-adeżjoni bbażat fuq il-mertu b'inċentivi tanġibbli. Ser tappoġġa lill-membri aspiranti biex jissodisfaw il-kriterji tal-adeżjoni permezz ta' strumenti xierqa u ser tuża l-possibbiltajiet kollha biex l-integrazzjoni tkompli għaddejja gradwalment. Ser tħeġġeġ ukoll l-isforzi ta' riforma, b'mod partikolari fir-rigward tal-istat tad-dritt, kif ukoll l-integrazzjoni reġjonali, ir-relazzjonijiet tajbin bejn il-ġirien, ir-rikonċiljazzjoni, u r-riżoluzzjoni ta' tilwim bilaterali.

B'mod parallel, l-Unjoni Ewropea ser twettaq ir-riformi interni meħtieġa biex tiżgura li l-politiki tagħna jkunu adatti għall-futur u ffinanzjati b'mod sostenibbli u li l-istituzzjonijiet tal-UE jkomplu jiffunzjonaw u jaġixxu b'mod effettiv.

Nistinkaw għal approċċ komprensiv għall-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri

Kisba fundamentali tal-Unjoni Ewropea hija l-iżgurar tal-moviment liberu ta' ċittadini fl-UE u dan jeħtieġ il-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen. Din il-libertà għib magħha r-responsabbiltà kondiviża biex jiġu sodisfatti u implimentati l-obbligi komuni tagħna u biex il-fruntieri esterni tal-UE jiġu protetti b'mod effettiv. Dan huwa prerekwiżit għall-garanzija tas-sigurtà u l-ħarsien tal-liġi u l-ordni f'konformità mal-prinċipji u l-valuri tagħna.

Permezz tal-approċċ tagħha ta' sħubijiet komprensivi, l-Unjoni Ewropea ser tkompli tikkoopera b'mod ta' benefiċċju reċiproku mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu. Flimkien, ser nindirizzaw l-isfidi fit-tul tal-migrazzjoni irregolari u l-kawżi ewlenin tagħha, u naħdmu fuq ir-ritorni. Ser nesploraw ukoll l-opportunitajiet ta' migrazzjoni, inkluż permezz ta' perkorsi legali. Ser niġġieldu n-networks ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u nkissru l-mudell kummerċjali ta' dawk li jagħmlu profitt minn dan il-kummerċ inuman. Ser nikkunsidraw modi ġodda biex nipprevjenu u niġġieldu l-migrazzjoni irregolari. Ser insibu soluzzjonijiet konġunti għat-theddida għas-sigurtà tal-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni.

Ewropa għanja u kompetittiva

Inqawwu l-kompetittività tagħna

Ninsabu determinati li nsaħħu l-bażi tal-kompetittività fit-tul tagħna u li ntejbu l-benesseri ekonomiku u soċjali ta' ċittadini. Ser naħdmu biex inżidu l-kapaċità tal-akkwist tagħhom, noħolqu impjiegi tajbin u nassiguraw il-kwalità tal-oġġetti u s-servizzi fl-Ewropa. Ser insaħħu s-sovranià tagħna f'setturi strateġiċi u nagħmlu lill-Ewropa mutur teknoloġiku u industrijali, filwaqt li nippromwovu ekonomija miftuħa. Ser nagħlqu d-diskrepanzi tagħna mas-sħab internazzjonali u l-kompetituri ewlenin fit-tkabbir, il-produttività u l-innovazzjoni. Dan jeħtieġ sforz ta' investiment kollettiv sinifikanti, filwaqt li jiġi mobilizzat kemm il-finanzjament pubbliku kif ukoll dak privat, inkluż permezz tal-Bank Ewropew tal-Investiment.

L-akbar riżorsa tagħna f'dak l-isforz huwa s-Suq Uniku, għal żmien twil il-mutur tal-prospertà u l-konverġenza, li jippermetti ekonomiji ta' skala. Għalhekk ser napprofondixxuh aktar, b'mod partikolari fl-oqsma tal-enerġija, il-finanzi u t-telekomunikazzjoni. Ser innexxu l-ostakli li fadal, b'mod partikolari fir-rigward tas-servizzi u l-oġġetti essenzjali, u niżguraw aċċess uguali għas-Suq Uniku permezz ta' konnettività mtejjba. Ser niżguraw qafas ibbilanċjat u effettiv għall-għajnuna mill-Istat u l-kompetizzjoni biex nippreservaw l-integrità tas-Suq Uniku u kundizzjonijiet ekwivalenti. L-SMEs ser jibqgħu ċentrali għan-nisġa ekonomika u soċjali tal-Ewropa.

Biex nisfruttaw il-potenzjal ta' investiment meħtieġ, ser naċċelleraw l-integrazzjoni finanzjarja billi niksbu l-Unjoni tas-Swieq Kapitali u nikkompletaw l-Unjoni Bankarja. Ser noħolqu swieq kapitali Ewropej tassew integrati, li jkunu aċċessibbli u attraenti għaċ-ċittadini u n-negozji kollha u jkunu ta' benefiċċju għall-Istati Membri kollha.

Filwaqt li nitgħallmu mill-esperjenza tagħna, mhux ser nippermettu li s-swieq miftuħa tagħna jiġu mhedda. Ser nippromwovu bil-qawwa r-rwol ċentrali tad-WTO u nsegwu politika kummerċjali sostenibbli, miftuħa, robusta u ambizzjuża li tippermetti ftehimiet għall-kummerċ ġust, tifteħ is-swieq ta' pajjiżi terzi għal kumpaniji tal-UE, tiddefendi l-interessi tal-UE, tippermetti l-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista reżiljenti u affidabbli, tiggarrantixxi kundizzjonijiet ekwivalenti u toħloq opportunitajiet reċiproċi ta' aċċess għas-suq. Ser insaħħu s-sigurtà ekonomika tagħna, innaqqsu d-dipendenzi dannużi u niddiversifikaw u niżguraw il-ktajjen tal-provvista strateġiċi, inkluż billi nsaħħu s-sigurtà marittima tagħna. Ser nibnu l-kapaċità tagħna stess f'setturi sensittivi u teknoloġiji ewlenin tal-futur bħad-difiża, l-ispace, l-intelliġenza artifiċjali, it-teknoloġiji kwantistiċi, is-semikondutturi, il-5G/6G, is-saħħa, il-bijoteknoloġiji, it-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, il-mobbiltà, il-farmaċewtiċi, is-sustanzi kimiċi u l-materjali avvanzati. Il-promozzjoni tal-innovazzjoni u r-riċerka, kif ukoll l-isfruttar ta' għodod bħall-akkwist pubbliku, huma kruċjali f'dan l-isforz.

Nagħmlu mezz li t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali jkollhom suċċess

Fi triqitna lejn in-newtralità klimatika sal-2050, ser inkunu pragmatiċi u nisfruttaw il-potenzjal tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali biex noħolqu s-swieq, l-industriji u l-impjiegi ta' kwalità għolja tal-futur. Ser nipprovdu qafas stabbli u prevedibbli u noħolqu ambjent li jappoġġa aktar iż-żieda fil-kapaċità tal-manifattura tal-Ewropa għal teknoloġiji u prodotti b'emissjonijiet żero netti. Ser ninvestu f'infrastruttura transfruntiera vasta għall-enerġija, l-ilma, it-trasport u l-komunikazzjonijiet.

Ser naħdmu għal tranżizzjoni klimatika ġusta u ekwa, bl-għan li nibqgħu kompetittivi globalment u nżidu s-sovranià tal-enerġija tagħna. Filwaqt li naċċelleraw it-tranżizzjoni tal-enerġija, ser nibnu unjoni tal-enerġija ġenwina, li tiżgura l-provvista ta' enerġija abbondanti, affordabbli u nadifa. Dan ser jirrikjedi elettrifikazzjoni ambizzjuża bl-użu tas-soluzzjonijiet kollha żero netti u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u investiment fil-grilji, il-ħżin u l-interkonnessjonijiet. Ser niżviluppaw ekonomija aktar ċirkolari u effiċjenti fir-riżorsi, li tmexxi 'l quddiem l-iżvilupp industrijali ta' teknoloġiji nodfa, waqt li naħsdu l-benefiċċji kollha tal-bijoeconomija, inħaddnu l-mobbiltà nadifa u intelliġenti b'infrastruttura adegwata tan-network. Dan ser iżid l-introjt reali u l-kapaċità tal-akkwist, u b'hekk l-istandards tal-għajxien għaċ-ċittadini kollha tal-UE jitjiebu.

Ser nisfruttaw il-potenzjal mhux użat tad-data, nippromwovu l-interoperabbiltà tad-data, u nħeġġu l-investiment f'teknoloġiji diġitali rivoluzzjonarji fl-Ewropa, filwaqt li mmexxu 'l quddiem l-applikazzjoni tagħhom fl-ekonomija kollha, filwaqt li niżguraw il-privatezza u s-sigurtà. Dan ser jirrikjedi infrastruttura diġitali mill-aktar avvanzata. Filwaqt li nibnu fuq l-identità diġitali tal-UE, ser noħolqu servizzi elettroniċi ġodda ta' kwalità għolja fl-UE kollha.

L-Unjoni Ewropea ser tippromwovi settur agrikolu kompetittiv, sostenibbli u reżiljenti li jkompli jiżgura s-sigurtà tal-ikel. Ser nippromwovu komunitajiet rurali haġja u nsaħħu l-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel. Ser inkomplu niproteġu n-natura u nreġġgħu lura d-degradazzjoni tal-ekosistemi, inkluż l-oċeani. Ser insaħħu r-reżiljenza tal-ilma madwar l-Unjoni.

Nippromwovu ambjent li jiffavorixxi l-innovazzjoni u n-negozju

F'ekonomija mmexxija dejjem aktar mill-għarfien u mid-data u f'suq dinji u kompetittiv, l-Ewropa ser takkumpanja, trawwem u tkabbar in-negozji u l-industrija tagħha, tattira u żżomm it-talent, u tibqa' post attraenti għall-investiment.

Ser nagħtu spinta lill-kapaċità ta' riċerka u innovazzjoni tal-Ewropa fit-teknoloġiji emerġenti u abilitanti, inkluż għall-użu doppju. Il-kisba tas-saħħa industrijali f'setturi ewlenin tirrikjedi wkoll li l-Unjoni tissalvagwarda l-kompetizzjoni ġusta, tiġġieled kontra l-prattiki inġusti, u tiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti kemm internament kif ukoll globalment.

Biex inħallu n-negozji jiffjorixxu, ser innaqqsu b'mod ambizzjuż il-piż burokratiku u regolatorju fil-livelli kollha, u ser nissimplifikaw, naċċelleraw u niddiġitalizzaw il-proċeduri amministrattivi, inkluż il-ħruġ ta' permessi, biex naqdu l-ħtiġijiet ta' ambjent ta' investiment modern, dinamiku u favorevoli għall-konsumatur. Aħna nikkommettu ruħna għal regolamentazzjoni aħjar, inkluż billi nagħmlu l-aħjar użu mill-gvern diġitali u billi nqisu l-ħtiġijiet tal-SMEs u tan-negozji ġodda. Ser naħdmu b'mod integrat, ikkoordinat u koerenti fl-oqsma kollha ta' politika u niffukaw b'mod speċjali fuq l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-politiki maqbula.

Navvanzaw flimkien

Jeħtieġ li t-tkabbir ekonomiku jkun ta' benefiċċju għaċ-ċittadini kollha. Ser inħarsu d-dimensjoni soċjali tal-Unjoni Ewropea sabiex kulħadd ikun jista' jisfrutta l-opportunitajiet offruti mit-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali. Ser nindirizzaw b'mod komprensiv l-isfidi demografiċi u l-impatt tagħhom fuq il-kompetittività, il-kapital uman u l-ugwaljanza. Ser niżguraw li l-mudell ekonomiku Ewropew u s-sistemi ta' protezzjoni soċjali jappoġġaw soċjetà tal-lonġevità b'saħħitha. F'dan il-kuntest, ser inkomplu nsaħħu l-kooperazzjoni fil-qasam tas-saħħa fil-livell Ewropew u internazzjonali u ntejbu l-aċċess għall-mediċini madwar l-Unjoni.

Ser ninvestu fil-ħiliet, it-taħriġ u l-edukazzjoni tal-persuni tul ħajjithom u nħeġġu l-mobbiltà tat-talenti fl-Unjoni Ewropea u lil hinn minnha. Filwaqt li nfakkru fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, l-UE u l-Istati Membri ser jimmiraw li jsaħħu d-djalogu soċjali, jiddefendu l-opportunitajiet indaqs u jnaqqsu l-inugwaljanzi. Iż-żieda tal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-promozzjoni tal-impjieġ taż-żgħażaġh ser ikunu ta' importanza ewlenija fis-snin li ġejjin.

Biex nippromwovu l-iżvilupp armonjuż ġenerali tal-UE, ser insaħħu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali bl-għan li niksbu konverġenza 'l fuq kontinwa, innaqqsu d-differenzi, inżidu r-reżiljenza u l-kompetittività u nistimulaw it-tkabbir fit-tul madwar l-Unjoni.

Id-destin tagħna jinsab f'idejna. Għandna t-talent, il-kuraġġ u l-viżjoni biex insawru l-futur tagħna b'suċċess. Din l-Aġenda Strateġika hija r-għan konġunt tagħna li nservu b'mod inekwivoku liċ-ċittadini tagħna u li nilħqu l-oġettiv fundatur tagħna ta' paċi u prosperità.